# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*


## Seduta numru 28 tas-7 Leġislatura
## L-Erbgħa, 10 ta' Ġunju 2015

**MINUTI**

Il-Membri li jikkomponu is-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv għas-Seduta Numru 28 tas-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali Mġarr nhar l-Erbgħa, 10 ta' Ġunju 2015 fl-Uffiċċju Amministrattiv, fuq din l-aġenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Kommunikazzjonijiet
4. Ftuħ ta' offerti
5. Ismijiet ta' toroq ġodda
6. Affarijiet Mixxelanji

Kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, id-Deputat Sindku, Eman Vella, il-Kunsillier Clayton Gauci, il-Kunsillier Mario Sammut, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Il-Kunsillier Elizabeth Ebejer u l-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ Sarah Chetcuti kienu skużati.

Għall-parti mis-seduta attendiet is-Sinjura Silvia Mifsud (280159M).

Il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku, is-Sur Paul Vella.

**NOTA**
Qabel il-bidu tas-Seduta, is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li din kienet l-ewwel seduta li kienet ser tiġi imxandra online bil-live streaming fuq is-sit tal-Kunsill http://mgarrlc.com/?page_id=913

**1 Minuti**

dwar punt 6.1 : Dwar iż-żjara kulturali fil-Knisja Parrokkjali, il-Kunsill qabel li jintbgħat invit lil Dun Edgar u lil Dun Alwiġ għal din l-attivita'.

dwar punt 7.5 : dwar Triq is-Santi, ġie deċiż li jsiru sinjali tat-traffiku f' forma ta' vleġġeġ b' materjali li jirrifletti id-dawl fl-aktar partijiet li hemm bżonn matul din it-triq.

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati.

1.2 F' din is-Seduta ma kienx hemm skeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

**2. Korrispondenza**

2.1 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.2 Ġew innuttati diversi korrispondenzi u notifikazzjonijiet mingħand il-MEPA.

2.3 Il-Kunsill ħass il-bżonn li tintbgħat ittra lill-Onorevoli Ian Borg dwar xogħlijiet li kien hemm il-ħsieb li jsiru fil-Ġnejna u li l-Kunsill ma kienx jaf bihom.

**3. Komunikazzjonijiet**

3.1 Is-Sindku informa li kienu ser isiru numru ta' korsijiet fis-sajf, fosthom, ta' fotografija, ta' qari u kitba, ħjata għall-anzjani, kant, żfin u drama, first-aid, liċenzji tad-dgħajjes u korsijiet tal-kompjuter. Ser issir laqgħa ta' informazzjoni dwar il-flus mil-Bank Ċentrali ta' Malta.

3.2 Is-Sindku informa li kien ser jiġu organizzati kullana ta' ħarġiet kulturali għall-postijiet differenti f' Malta, fosthom iż-Żejtun, l-Imdina u r-Rabat.

**4. Ftuħ ta' offerti**

4.1 Il-Kunsill laqa' numru ta' offerti wara sejħa li ħareġ u li kienet tagħlaq dak in-nhar tas-seduta. Għalhekk, is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sindku u żewġ Kunsilliera oħra fetħu il-kaxxa tal-offerti.

4.2 ***TENDER MGR 2015/01 :*** *Provediment u installazzjoni ta' dekorazzjonijiet ta' dwal tal-Milied*
Il-Kunsill irċieva 2 offerti għall-din is-sejħa, mingħand MicaMed Ltd u Mingħand Carl Caruana. Il-Kunsill ser ikun qed jevalwa dawn l-offerti aktar 'il quddiem.

4.3 ***TENDER MGR 2015/02 :*** *Servizz ta' 2 Handymen*
Il-Kunsill irċieva 2 offerti għall-din is-sejħa, mingħand Paul Grech u Joe Sammut, li huma iż-żewġ handymen attwali tal-Kunsill. Il-Kunsill ser ikun qed jevalwa dawn l-offerti aktar 'il quddiem.

4.4 ***TENDER MGR 2015/03 :*** *Servizz Tindif u Żamma ta' Lattrini Pubbliċi f' Wesgħat il-Ġublew.*
Il-Kunsill irċieva 5 offerti għall-din is-sejħa, jiġifieri mingħand Sandro Caruana, Saviour Mifsud, Charles Gauci, Julian Azzopardi u Philip Caruana. Il-Kunsill ser ikun qed jevalwa dawn l-offerti aktar 'il quddiem.

4.5 ***TENDER MGR 2015/04 :** Servizz ta' Tindif u Żamma ta' Lattrini Pubbliċi fil-Ġnejna*
Il-Kunsill irċieva 4 offerti għall-din is-sejħa, jiġifieri mingħand Sandro Caruana, Saviour Mifsud, Charles Gauci, u Philip Caruana. Il-Kunsill ser ikun qed jevalwa dawn l-offerti aktar 'il quddiem.

## 5. Ismijiet ta' toroq ġodda

5.1 Is-Sindku elenka numru ta' toroq f' żoni rurali li hemm bżonn li il-Kunsill jaħseb li jissuġġerixxi ismijiet għalihom. Dawn it-toroq huma :

- l-inħawi tal-Ballut;
- triq ħdejn ta' Facciol;
- tal-qanfud;
- sqaq Randun;
- sqaq fi' Triq il-Palma;
- Bokka taċ-Ċarċara;
- triq tal-Qoton;
- triq tat-tuta.

5.2 Il-Kunsill qabel li dawn l-ismijiet jiġu diskussi fis-seduta li jkun imiss.

## 6. Affarijiet Mixxellanji

6.1 Is-Sindku informa li ir-railing tal-bandli ta' Wesgħat il-Ġublew kien ser jeħel fil-ġimgħat il-ġejjin.

6.2 Is-Sindku informa wkoll li il-kuntrattur tar-rubber-florring tal-istess sit kien ġie avviċinat peress li kien hemm partijiet li kienu saru ta' għoli differenti minn dak li kien mifthiem u mitlub, li ħoloq dislivell f' partijiet. Il-kuntrattur għandu jiġi jara u jsolvi din il-problema.

6.3 Is-Sindku ippropona li issir partition fl-uffiċċju tat-tieni sulur bejn il-parti li tintuża bil-kompjuters u l-kumplament tas-sala. Dan sabiex is-sala tkun tista' tibqa' tintuża anke' meta jkun għaddej xi kors. Il-Kunsill qabel dwar dan.

6.4 Is-Sindku issuġġerixxa wkoll li jsiru tip ta' blinds/purtieri fil-kamra tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

6.5 Eman Vella ressaq proposta li il-Kunsill joħroġ sejħa għall-External Consultatnt biex jieħu ħsieb jissuġġerixxi, iħejji, japplika, jimmoniterja u jsegwi applikazzjonijiet għan-nom tal-Kunsill. Eman Vella ressaq ukoll lista ta' numru ta' proġetti li il-Kunsill jista' jibbenifika minhom. Dawn il-proposti ser jiġu diskussi aktar 'il quddiem.

6.6 Eman Vella ressaq update daw il-proġetti relatati mal-Miżura 313. Ser ikun hemm bżonn li jsir xogħol ta' qlugħ ta' siġar u tqattiegħ ta' blat. Ser ikun hemm bżonn li tinħareġ sejħa għalihom dalwaqt. Eman Vella semma' wkoll li ser issir talba lill-Agriculture and Rural Payment Agency (ARPA) sabiex isir estenżjoni taż-żmien għall-dan il-proġett.

Kunsill Lokali L-Imġarr
22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*

6.7 Is-Sindku ippropona li, sabiex jittejjeb is-servizz tal-librerija fl-iskola primarja, il-Kunsill jaħseb biex jibdel iż-żewġ bibien li hemm u li issa qdiemu ħafna.

6.8 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-risposta dwar il-Management Letter li tfasslet wara diskussjoni mal-Accountant tal-Kunsill. Din ir-risposta ġiet approvata u ser tintbgħat lill-Uffiċju Nazzjonali tal-Verifika.

6.9 Clayton Gauci ippropona li l-handymen tal-Kunsill jaqtgħu il-ħaxix ħażin u l-busbies fi' Triq il-Ħaddedin.

6.10 Clayton Gauci semma' wkoll li kien hemm bżonn li jerġgħu jitwaħħlu l-ismijiet tat-toroq rurali li kien tkissru jew inqalgħu.

**Aġġornament**

Is-Seduta ntemmet fit-8:25pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa, 1 ta' Lulju 2015 fil-5:30pm.

*Cyprian Dalli*
Segretarju Ezekuttiv

*Paul Vella*
Sindku